MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 394/2007

**F.Cordina & Sons Ltd (C-2864)**

**Vs**

**Bim Limited (C475)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf tlett mija u disa u sebghin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1379.58c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta, u liema ammont baqa' ma thallasx;

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali;

Ra li s-socjeta' konvenuta baqet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu pprezentat minn Dr Reuben Balzan LL.D. fil-11 ta' Gunju, 2007;

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------